# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill (Euratom) li twaqqaf qafas Komunitarju dwar is-sikurezza nukleari

*COM(2008) 790 finali – 2008/0231 (CNS)*

(2009/C 306/13)

Nhar it-30 ta' Jannar 2003, il-Kummissjoni Ewropea iddeċiediet, b'konformità mal-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

*"il-Proposta għal direttiva tal-Kunsill (Euratom) li tiddefinixxi l-obbligi fundamentali u l-prinċipji ġenerali fis-settur tas-sigurtà tal-impjanti nukleari*

*il-Proposta għal direttiva tal-Kunsill (Euratom) dwar il-ġestjoni tal-kombustibbli nukleari eżawrit u tar-residwi radjoattivi"*

(COM(2003) 32 final – 2003/0021 (CNS) – 2003/0022 (CNS)).

Il-Kumitat ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar dawn il-proposti fis-26 ta' Marzu 2003.

Nhar l-4 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni Ewropea ddeċiediet li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-verżjoni emendata ta' waħda minn dawn id-direttivi:

*"il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill (Euratom) li twaqqaf qafas Komunitarju dwar is-sikurezza nukleari"*

biex tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Kumitat fil-forma ta' opinjoni komplimentari għal dik tas-26 ta' Marzu 2003.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar l-20 ta' Mejju 2009. Ir-relatur kien is-Sur DANTIN.

Matul l-454 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-10 u l-11 ta' Ġunju 2009 (seduta tal-10 ta' Ġunju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'100 vot favur, l-ebda vot kontra u 3 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Bħalissa l-interess fl-enerġija nukleari qam mill-ġdid minħabba raġunijiet ekonomiċi u l-ħtieġa li jiġu diversifikati s-sorsi tal-provvisti tal-enerġija u li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

1.2 Biex ikun hemm żvilupp nukleari jinħtieġ livell tassew għoli ta' sikurezza u trasparenza eżemplari.

1.3 F'dan il-kuntest, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjoni id-Direttiva, peress li, filwaqt li tħalli l-Istati Membri fil-libertà li jagħżlu jużawx din it-tip ta' enerġija jew le, għandha importanza teknika u strateġika kbira għas-sikurezza tal-popolazzjoni, tal-ħaddiema fis-settur tal-industrija u tal-ambjent.

1.4 Il-KESE huwa konxju li l-enerġija nukleari ser tiġi żviluppata wkoll lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni Ewropea, xi drabi f'pajjiżi fejn il-kultura teknoloġika u dik tal-ġestjoni tar-riskju hija inqas avvanzata milli fl-Istati Membri. Minħabba f'hekk, il-Kumitat jixtieq li l-UE taqdi rwol proattiv u jkollha l-ħila li tressaq proposti dwar is-sikurezza nukleari lil hinn mill-fruntieri tagħha, kif iseħħ fil-każ tal-pakkett dwar il-klima.

1.5 Is-sikurezza nukleari trid tkun "**ġid pubbliku dinji**", peress li inċident nukleari jista' jħalli impatt fuq il-popolazzjonijiet u l-ambjent li jkunu jinsabu 'l bogħod ħafna mill-istat fejn iseħħ. Għal dan il-għan, l-UE tkun tista' tesporta l-mudell ta' sikurezza tagħha lil hinn mill-fruntieri tagħha billi tagħmel il-konformità mal-prinċipji fundamentali tas-sikurezza approvati mill-Istati Membri fi ħdan l-IAEA waħda **obbligatorja**, permezz tad-Direttiva.

1.6 Il-KESE jidhirlu li l-aħjar approċċ huwa li l-Istati Membri jiġu obbligati jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali ta' sikurezza kompletament indipendenti, li r-responsabbiltà tas-sikurezza titħalla f'idejn il-pussessuri tal-liċenzja u li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet tkun trasparenti, u b'hekk jixtieq li dan l-aspett tad-Direttiva jinżamm u li l-approċċ jibqa' wieħed ikkaratterizzat minn livell għoli ħafna ta' responsabbiltà.

1.7 Il-KESE huwa partikolarment interessat fil-kostruzzjoni, iż-żamma u l-iżvilupp tal-ħiliet fl-Istati Membri, l-iktar dawk li għandhom ftit jew li m'għandhom l-ebda esperjenza fl-enerġija nukleari. Dawn l-Istati Membri jridu jieħdu ħsieb il-kwistjoni mingħajr dewmien, l-iktar billi jiżviluppaw il-mezzi ta' taħriġ meħtieġa. Il-KESE jagħti l-parir li titħejja ċertifikazzjoni Ewropea tar-responsabbiltajiet fil-ġestjoni nukleari u li t-taħriġ jingħata kemm fil-qasam tal-ġestjoni teknika kif ukoll f'dik sanitarja tal-konsegwenzi tal-inċidenti nukleari.

1.8 Il-KESE jisħaq li s-sikurezza hija wkoll kwistjoni ta' kultura industrijali u ta' mġiba u ma tistax tieqaf biss fl-iżvilupp ta' regolamenti u restrizzjonijiet.

## 2. Daħla

2.1 Wara l-kriżi tal-1973, l-industrija nukleari żviluppat sewwa fl-UE u ma damitx ma feġġet il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-prattiki tas-sikurezza.

2.2 Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1975 dwar il-problemi teknoloġiċi tas-sikurezza nuklear ([1]) tat lill-Kummissjoni r-rwol ta' katalista fl-inizjattivi meħuda fil-livell internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza nukleari.

2.3 FL-1992 ġiet adottata riżoluzzjoni oħra ([2]) li fiha l-Kunsill jistieden lill-Istati Membri jkomplu u jżidu l-ħidma tagħhom għall-armonizzazzjonijiet tal-kwistjonijiet ta' sikurezza. Fis-sentenza tal-każ C–29/99 tal-10 ta' Diċembru 2002, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea kkonfermat il-mandat tal-Komunità li tilleġiżla fil-qasam tas-sikurezza nukleari.

2.4 Fit-30 ta' Jannar 2003, skont l-Artikolu 31 tat-Trattat ta' Euratom, il-Kummissjoni ppproponiet Direttiva dwar is-sikurezza tal-impjanti nukleari ([3]), li dwarhom il-KESE kienet ħarġet opinjoni ([4]).

2.5 Peress li ma nkisbitx maġġoranzaz, il-Kunsill ma adottax din id-Direttiva, iżda l-proċess ta' konsultazzjoni kompla bil-ħolqien fl-2004 tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill dwar is-sikurezza nukleari.

2.6 Issa l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tagħti spinta ġdida lill-implimentazzjoni ta' qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari.

## 3. L-għan, l-approċċ u l-elementi ewlenin tal-proposta għal Direttiva ġdida

3.1 L-għan ġenerali tal-proposta huwa li s-sikurezza nukleari fil-Komunità tinkiseb, tinżamm u tittejjeb kontinwament u biex jissaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet regolatorji. L-ambitu ta' applikazzjoni tagħha huwa t-tfassil, l-għażla tas-sit, il-kostruzzjoni, iż-żamma, it-tħaddim u d-diżattivazzjoni tal-impjanti nukleari, li għalihom jeħtieġ li titqies is-sikurezza skont il-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-Istat Membru kkonċernat. **Id-dritt ta' kull Stat Membru li jiddeċiedi jużax l-enerġija nukleari jew le huwa rikonoxxut u rrispettat bis-sħiħ**.

3.2 L-istrateġija tad-Direttiva dwar is-sikurezza nukleari hija li ddaħħal regolamenti Komunitarji li jiġbru fihom sett ta' prinċipji diġà inklużi fil-Konvenzjoni tal-IAEA dwar is-Sikurezza Nukleari, li ġiet aċċettat mill-Istati Membri kollha u li tissupplimentahom b'rekwiżiti ta' sikurezza oħrajn għal reatturi tal-enerġija nukleari ġodda.

3.3 Għalhekk l-għan huwa li l-prinċipji ta' sikurezza approvati internazzjonalment, li bħalissa qed jiġu **applikati fuq bażi volontarja, isiru obbligatorji** (IAEA, CSN, WENRA...).

## 4. Kummenti ġenerali

4.1 Fl-Unjoni Ewropea, l-enerġija mill-fissjoni nukleari bħalissa hija 14.6 % tal-konsum tal-enerġija primarja u 31 % tal-elettriku ġġenerat. Għall-Istati Membri li jużawha (ħmistax ([5]) minn sebgħa u għoxrin) hija s-sors ta' enerġija li għandha l-aktar prezz stabbli u waħda mill-iktar produzzjonijiet baxxi ta' emissjonijiet ta' $CO_2$. Madankollu, l-użu tal-enerġija nukleari huwa kontroversjali kemm f'xi wħud mill-pajjiżi li jużawha kif ukoll, anziaktar u aktar, fl-Istati Membri li għadhom ma għamluhiex parti mit-taħlita tal-enerġija tagħhom, l-iktar minħabba l-biżgħa tat-tniġġis radjuattiv li jista' joħroġ minn inċidenti li jistgħu jiġru u mill-ġestjoni tal-iskart nukleari.

4.2 B'konformità mal-perspettivi li jidhru fl-opinjoni tal-KESE dwar "The issues involved in using nuclear power in electricity generation" (l-isfidi tal-użu tal-enerġija nukleari fil-produzzjoni tal-elettriku) ([6]), illum hemm interess imġedded fl-enerġija nukleari, kemm għal raġunijiet ekonomiċi kif ukoll minħabba l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b' effett ta' serra (politiki dwar il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima). Fl-UE, xi Stati Membri li kienu ddeċidew li ma jużawx l-enerġija nukleari issa qed jerġgħu jwieżnu d-deċiżjonijiet tagħhom.

4.3 Biex dan l-impetu ġdid fl-enerġija nukleari jiġi aċċettat miċ-ċittadini, jeħtieġ li jiġi żgurat l-aktar livell għoli ta' sikurezza possibbli.

4.4 Dan it-tiġdid ta' interess "dinji" jqajjem il-kwistjoni tas-sikurezza nukleari f'dawl ġdid, l-iktar f'dak li għandu x'jaqsam ma' organizzazzjoni u kontroll. **Is-sikurezza nukleari trid tkun "ġid pubbliku dinji"**. Għaldaqstant, **it-tweġiba wkoll trid tkun waħda "dinjija"** għax ir-riskji tal-enerġija nukleari ma jieqfux fil-fruntieri tal-Istati li jużaw din it-teknoloġija.

4.5 L-Unjoni Ewropea tista' taqdi rwol ċentrali biex jintlaħaq dan il-għan, kemm minħabba l-użu tal-enerġija nukleari fit-territorju tagħha kif ukoll il-kompetenza industrijali tagħha. **L-Unjoni Ewropea tista' tkun ta' xempju, kif inhi fil-qasam tal-bidla fil-klima, billi tibda milli tieħu passi biex tgħaqqad ir-regolamenti tagħha u l-organizzazzjonijiet responsabbli mis-sikurezza fi ħdanha u billi ssib u tegħleb it-tfixkil għal dan il-għan**.

([1]) ĠU C 185 tal-14.8.1975, p. 1.
([2]) ĠU C 172 tat-8.7.1992, p. 2.
([3]) COM(2003) 32 finali u COM(2004) 526 finali (verżjoni modifikata).
([4]) ĠU C 133 tas-6.6.2003, p. 70–74 (mhux disponibbli bil-Malti).
([5]) Il-Ġermanja, il-Belġju, il-Bulgarija, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, il-Litwanja, l-Olanda, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, ir-Renju Unit, l-Isklovakkja, is-Slovenja u l-Iżvezja.
([6]) ĠU C 110 tat-30.4.2004, p. 77-95(mhux disponibbli bil-Malti).

4.6 **F'dan il-kuntest, id-Direttiva tal-Kummissjoni tasal fil-waqt it-tajjeb. Il-KESE jinsab sodisfatt bid-Direttiva u jemmen li hija ta' importanza teknika u strateġika kbira għas-sikurezza tal-popolazzjoni, il-ħaddiema fis-settur nukleari u l-ambjent, kemm fl-Istati Membri li għażlu li jużaw l-enerġija nukleari kif ukoll f'dawk li dan irrifjutawha**.

4.6.1 Il-KESE jaqbel mal-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni li, sabiex jintlaħaq kunsens ikbar, jħalli r-responsabbiltà kollha f'idejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom. Fil-fatt l-Istati Membri għandhom storja, organizzazzjoni u prattiċi differenti u approċċ li jobbligahom li jħarsu r-regoli komuni żviluppati fi ħdan l-IAEA, li jistabbilixxu awtoritajiet regolatorji tassew indipendenti u li jħallu r-responsabbiltà kollha f'idejn il-pussessuri tal-liċenzja u ma jħalluhom bl-ebda mod jiddelegaw ir-responsabbiltà tagħhom, huwa bla dubju l-approċċ li l-partijiet interessati differenti kollha jsibu bħala l-iktar aċċettabbli u li huwa l-aħjar biex jiżgura s-sikurezza tal-impjanti nukleari.

4.6.2 Il-KESE jidhirlu wkoll li d-Direttiva hija pass 'il quddiem fiż-żieda tas-sikurezza. Ser ikun meħtieġ li ssir diskussjoni kontinwa u fil-fond sabiex nifhmu u nqisu l-bidliet, iż-żidiet jew il-modifiki li għandu mnejn li jkun meħtieġ li jsiru biex jirriflettu l-iżviluppi fil-kuntesti, it-tekniċi u l-approċċi organiżattivi.

4.6.3 Il-KESE jilqa' l-fatt li, kemm fid-dispożizzjonijiet ewlenin kif ukoll fl-Artikolu 5 tal-abbozz tal-proposta għal Direttiva, dan it-test jikkonċentra b'mod speċifiku fuq il-ħtieġa li t-tagħrif mogħti lill-pubbliku jkun trasparenti u ta' min joqgħod fuqu, fil-kuntest tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. F'dan is-sens, il-Konvenzjoni ta' Aarhus ([7]) dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali tista' tkun punt ta' riferiment għall-atturi tas-soċjetà ċivili.

4.6.4 Lil hinn minn dak li ntqal s'issa u mill-kontenut tal-proposta għal Direttiva, ser ikun meħtieġ li jitqies u jiġi internalizzat il-fatt li s-sikurezza mhijiex biss kwistjoni taż-żieda sfiqa ta' regolamenti tekniċi u industrijali. Għandha wkoll x'taqsam ma' **kultura**, jiġifieri ġabra ta' prattiċi li jpoġġu s-sikurezza fiċ-ċentru tal-attenzjoni u, lil hinn milli jiġu rispettati kif xieraq il-proċeduri, jesploraw b'mod kontinwu l-modi kif tista' tiżdied is-sikurezza u jiġu identifikati fatturi, interni kif ukoll esterni, li għandhom mnejn inaqqsuha. Din il-kultura ma tistax tinbena f'ġurnata u biex tirnexxi jridu jipparteċipaw fiha mhux biss l-industrijalisti, l-operaturi u r-regolaturi iżda wkoll il-politiċi responsabbli.

4.7 L-iżvilupp tas-sikurezza għandu mnejn jiffaċċja limitazzjonijiet fejn jidħlu t-teknoloġiji elettronukleari, ġejjin minnuqqas ta' esperjenza jew għarfien u minn ambjent xjentifiku u teknoloġiku li mhux adattat kif xieraq. B'hekk ser ikun meħtieġ li jsir sforz kbir fit-taħriġ ([8]). Jistgħu jiġu organizzati skambji intra-Ewropej ta' għarfien teoretiku u prattiku u jistgħu jittieħdu miżuri ta' appoġġ bil-għan li tingħata tweġiba aħjar, l-iktar għall-ħtiġijiet ta' taħriġ u riżorsi umani msemmija f'artikoli 4, 7 u 9. Trid tiġi żviluppata ċertifikazzjoni Ewropea għat-taħriġ, il-kwalifiki u l-ħiliet fl-enerġija nukleari u fis-sikurezza nukleari.

4.8 Il-Forum Ewropew dwar l-Enerġija Nukleari li nbeda mill-Kummissjoni u kien appoġġjat mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 jiġbor flimkien rappreżentanti għoljin tal-awtoritajiet pubbliċi, Membri tal-Parlament Ewropew, **rappreżentanti tal-KESE**, u rappreżentanti tal-produtturi tal-elettriku, tas-setturi tal-industrija nukleari, tal-kosnumaturi, tal-finanzi u tas-soċjetà ċivili. Iservi ta' ċentru għall-kompetenza u d-diskussjoni dwar l-opportunitajiet u r-riskji marbuta mal-enerġija nukleari. F'Jannar 2009 il-Forum ressaq numru ta' proposti u kummenti ([9]) dwar il-proposta għal Direttiva u l-KESE jemmen li ta' min wieħed jirreferi għalihom, meta titqies il-kwalità u l-importanza tagħhom għall-aċċettazzjoni min-naħa taċ-ċittadini u r-rappreżentanti tagħhom.

## 5. Kummenti partikolari

### 5.1 *Ambitu u kontenut tad-Direttiva*

Il-KESE jaqbel mar-referenża għall-prinċipji fundamentali ta' sikurezza (SF-1, 2006) tal-IAEA u għall-obbligi tal-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari, iżda jixtieq li jiġi speċifikat liema partijiet minn dawn il-prinċipji fundamentali jaqblu bl-eżatt mal-għan ta' din id-Direttiva. Din l-ispeċifikazzjoni għandha ssir f'forma ta' **anness għad-Direttiva** kif imfisser f'punt 6 ta' din l-opinjoni u mehmuż magħha. B'dan il-mod il-proposta għal Direttiva ssir aktar ċara u xi artikoli jkunu jistgħu jiġu simplifikati.

### 5.2 *Artikolu 1*

Il-KESE jissuġġerixxi li l-kliem jitpoġġa b'mod aktar espliċitu fl-Artikolu 1: "*id-Direttiva għandha l-għan li twaqqaf qafas Ewropew għar-regolamentazzjoni tas-sikurezza nukleari, li jiddefinixxi l-prinċipji fundamentali li magħhom iridu jikkonformaw il-leġiżlazzjoni u r-regolamenti dwar is-sikurezza nukleari stabbiliti fil-livell nazzjonali, sabiex iżżomm u ssaħħaħ kontinwament is-sikurezza nukleari fil-Komunità u ttejjeb ir-rwol tal-korpi regolatorji*".

### 5.3 *Artikolu 2*

5.3.1 Definizzjoni (1) "*installazzjoni nukleari*": il-KESE jissuġġerixxi li tiżdied il-frażi "*u skart radjuattiv*" wara "faċilità għall-ħżin ta' fjuwil użat", biex tinqara "faċilità għall-ħżin ta' fjuwil użat u skart radjuattiv".

([7]) Konvenzjoni internazzjonali negozjata fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) u firmata minn 40 mill-55 pajjiż tal-UNECE.

([8]) ĠU C 175, 28.7.2009, p. 1–7.

([9]) Ara d-dokument tas-Sottogrupp dwar l-Armonizzazzjoni tal-Forum Ewropew dwar l-Enerġija Nukleari dwar il-Proposta għal Direttiva Ewropea dwar is-Sikurezza Nukleari.

5.3.2 Definizzjoni (8) "*korp regolatorju*": il-KESE jheġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżomm bl-eżatt mad-definizzjoni mogħtija fil-glossarju dwar is-sikurezza tal-IAEA ppublikat fl-2007 *li ssemmi awtorità jew sistema ta' awtoritajiet mogħtija setgħat legali mill-gvern tal-istat biex imexxu l-proċess regolatorju, inklużi il-liċenzjar, u b'hekk ir-regolamentazzjoni tas-sikurezza nukleari, ir-radjazzjoni, l-iskart radjuattiv u s-sikurezza tat-trasport.*

5.3.3 Definizzjoni (10) "*reatturi tal-enerġija nukleari*": il-KESE jippreferi li ssir referenza għall-kostruzzjoni tal-impjanti wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva. L-iżviluppi li jseħħu fil-bidu tal-proċess ta' kostruzzjoni jistgħu jitqiesu mill-pussessuri tal-liċenzja. Min-naħa l-oħra, ikun aktar diffiċli li jsiru bidliet wara l-kostruzzjoni jekk l-installazzjoni ma tkunx tfasslet u nbniet biex isir dan. L-eżistenza ta' ċerti każijiet speċifiċi ta' impjanti tal-enerġija li l-kostruzzjoni tagħhom twaqqfet u trid titkompla twassal lill-KESE biex jipproponi li l-kliem jitpoġġa kif ġej: "***reatturi tal-enerġija nukleari***", ***reatturi tal-enerġija nukleari li l-kostruzzjoni tagħhom hija awtorizzata (jew li l-kostruzzjoni tagħhom titkompla wara waqfa ta' għall-inqas 5 snin) wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva***.

5.4 *Artikolu 3*

5.4.1 Il-KESE jissuġġerixxi li dan l-artikolu għandu jibda billi jiddefinixxi mill-ġdid il-qafas tas-sikurezza, li huwa l-aspett ġenerali, u mbagħad ir-responsabbiltà tat-tħaddim tiegħu. Jagħti parir ukoll li f'dan l-artikolu ssir ukoll referenza għall-possibbiltà li l-liċenzja tiġi rtirata jekk jinkisru r-regoli ta' sikurezza, peress li dan huwa parti mill-qafas ġenerali u jsaħħaħ is-setgħa tal-korp regolatorju. B'hekk, ma jifdalx il-bżonn għall-Artikolu 8. Il-Kumitat ifakkar li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tikkontrolla kif id-Direttiva tiġi trasposta u jekk meħtieġ tista' tniedi proċedura ta' ksur tal-liġi kontra l-Istati Membri li ma jkunux ħarsu dawn il-prinċipji.

5.4.2 L-Artikolu 3 mbagħad jinkiteb kif ġej:

1. *L-Istati Membri jistabbilixxu u jżommu qafas leġiżlattiv u regolatorju biex jirregolaw is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari. Dan għandu jinkludi rekwiżiti nazzjonali ta' sikurezza, sistema ta' liċenzjar u kontroll tal-installazzjonijiet nukleari, il-projbizzjoni tat-tħaddim tagħhom mingħajr liċenzja u sistema ta' ispezzjoni regolatorja li jkollha l-infurzar meħtieġ,inkluż il-poter li l-liċenzji jiġu sospiżi u rtirati. Jeħtieġ li l-korpi regolatorji jkollhom il-poter li jirtiraw il-liċenzji fil-każ ta' ksur serju jew ripetut tar-regoli ta' sikurezza f'installazjoni nukleari.*

2. *L-Istati Membri jridu jkunu ċerti li r-responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza tal-installazjonijiet nukleari tinġarr mill-pussessur tal-liċenzja, taħt il-kontroll tal-korp regolatorju, tul il-ħajja kollha tal-installazzjoni nukleari, jiġifieri sakemm ma tibqgħax aktar soġġetta għar-regolament dwar is-sikurezza. Ir-responsabbiltà tal-pussessur tal-liċenzja ma tistax tiġi delegata. Il-miżuri ta' ġestjoni u kontroll tas-sikurezza li jridu jittieħdu f'installazjoni nukleari jridu jiġu proposti mill-pussessur tal-liċenzja u mressqa quddiem il-korp regolatorju biex jiġu approvati.* Dawn iridu jiġu implimentati mill-pussessur tal-liċenzja taħt is-sorveljanza tal-korp regolatorju.

5.5 *Artikolu 4 (1)*

5.5.1 Il-Kumitat jagħti ħafna importanza lill-indipendenza tal-korp regolatorju u jippreferi kieku l-kliem jitpoġġa b'dan il-mod: *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp regolatorju, li l-uniku għan tiegħu huwa s-sikurezza, jkun effetivament indipendenti minn kull organizzazzjoni li xogħlha jkun li tippromwovi jew tħaddem installazzjonijiet nukleari. Dan għandu jkun ħieles minn kull element li jista' jaffetwa d-dmirijiet regolatorji tiegħu.* Ir-referenza għall-kompitu ta' organizzazzjoni li "tiġġustifika l-benefiċċji tagħhom għas-soċjetà" huwa żejjed f'dak li għandu x'jaqsam mal-kunċett tal-promozzjoni tal-installazzjonijiet nukleari u, jekk din ir-referenza tinżamm, ikollhom jissemmew ukoll il-korpi li jiġġieldu kontra l-użu tal-enerġija nukleari.

5.6 *Artikolu 4 (3)*

Il-KESE jipproponi li ż-żewġ paragrafi fil-proposta, il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 4, jingħaqdu kif ġej: *Il-korp regolatorju jagħti l-liċenzji skont l-evidenza mogħtija mill-applikant li tipprova li l-lokazzjoni, id-disinn, il-kostruzzjoni, il-kummissjunar, it-tħaddim, it-tul ta' żmien li jieħu t-tħaddim, il-kwalità u l-ammont ta' persunal, sa meta jsir u inkluż iż-żarmar tal-installazzjonijiet nukleari jikkonformaw mar-rekwiżiti, il-kundizzjonijiet u r-regoli fis-seħħ. Il-korp regolatorju għandu jikkontrolla li jitħarsu kif xieraq l-impenni li jkun ħa l-pussessur tal-liċenzja lejn iż-żamma tas-sikurezza nukleari.*

5.7 *Artikolu 4, (4)*

Imħassar u inkorporat fl-l-Artikolu 4 (3) il-ġdid.

5.8 *Artikolu 4, (6)*

Għandu jiżdied paragrafu ieħor biex tittejjeb il-kollaborazzjoni bejn il-korpi regolatorji fl-UE: *Il-korpi regolatorji nazzjonali għandhom jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiki ta' regolamentazzjoni u jiżviluppaw fehma komuni tar-rekwiżiti internazzjonali adottati.*

5.9 *Artikolu 5*

"*Trasparenza*": il-KESE jisħaq dwar l-importanza ta' dan l-artikolu biex tingħata tweġiba għall-kritika li spiss issir dwar is-segretezza tal-industrija nukleari u minħabba l-fatt li t-**tagħrif** dwar it-tħaddim tal-installazzjonijiet nukleari jolqot lill-Istati Membri kollha, jużawx enerġija nukleari fit-territorju tagħhom jew le, għaliex huma responsabbli mill-ħarsien taċ-ċittadini tagħhom meta titqies in-natura transkonfinali tar-riskju nukleari.

5.10 *Artikolu 6, (1)*

Il-KESE jissuġġerixxi li ssir referenza aktar speċifika għall-prinċipji fundamentali ta' sikurezza tal-IAEA, billi jiġi inkluż l-anness li ssemma hawn fuq. Għalhekk, l-Artikolu 6 (1) jerġa' jinkiteb kif ġej: *Fejn jidħlu l-lokazzjoni, id-disinn, il-kostruzzjoni, l-użu u ż-żarmar ta' installazzjonijiet nukleari, l-Istati Membri għandhom iħarsu l-prinċipji fundamentali tas-sikurezza tal-IAEA (Prinċipji Fundamentali tas-Sikurezza tal-IAEA: Prinċipji fundamentali tas-sikurezza, Standard tas-Sikurezza IAEA Nru SF–1 (2006), speċifikati fl-anness.*

5.11 *Artikolu 6, (2)*

Dan l-artikolu, li mhuwiex preċiż biżżejjed fir-referenzi li jagħmel għall-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent (WENRA) u l-Grupp ta' Livell Għoli, joħloq problema ta' interpretazzjoni: kif jista' Stat Membru jiġi obbligat li jqis riżultati futuri li mhumiex definiti la f'dak li huwa kontenut u lanqas żmien meta tiġi adottata d-Direttiva? Il-KESE jipproponi li dan il-paragrafu jitħassar, peress li **l-ħarsien tal-prinċipji fundamentali tas-sikurezza u l-iżvilupp ta' kultura ta' sikurezza jiġu biż-żmien mal-progress xjentifiku u tekniku**.

5.12 *Artikolu 7*

Dan l-artikolu huwa dwar ir-responsabbiltà tal-pussessuri tal-liċenzja iżda, peress li d-Direttiva hija maħsuba għall-Istati Membri, il-KESE jissuġġerixxi li l-aspetti li mhumiex marbuta direttament mar-rwol tal-Istati Membri jiċċaqilqu għall-anness. L-Artikolu 7 kieku mbagħad jgħid hekk:

*<u>Obbligi tal-pussessuri tal-liċenzja</u>: L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pussessuri tal-liċenzja jiddisinjaw, jibnu, jħaddmu u jżarmaw l-installazzjonijiet nukleari tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6.*

5.13 *Artikolu 8*

L-Artikolu ġie integrat flArtikoli 3 u 4 u għalhekk tħassar.

5.14 *Artikolu 10*

It-titlu "Prijorità għas-sikurezza jista" joħloq konfużjoni peress li jagħti wieħed x'jifhem li l-Istati Membri li ma jieħdux miżuri aktar stretti minn dawk stabbilit fid-Direttiva mhux qed jagħtu prijorità lis-sikurezza, jew li hija d-Direttiva stess li ma tagħmilx dan. Il-KESE jipproponi li jinbidel bit-titlu "***It-tisħiħ tas-sikurezza***".

5.15 *Artikolu 11*

L-artikolu 11 huwa dwar ir-rappurtar perjodiku, meħtieġ kif ukoll mixtieq, lill-Kummissjoni dwar l-impatt tad-Direttiva. Il-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari diġà tistipula dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar bi frekwenza speċifika u l-KESE jidhirlu li għandu jkun hemm kalendarju komuni għar-rapporti kollha, sabiex jiġu ssimplifikati u kkordinati l-proċeduri.

Għalhekk l-artikolu għandu jgħid dan li ġej: *L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-istess żmien u bl-istess frekwenza tar-rapporti nazzjonali li jippreżentaw quddiem il-laqgħat ta' reviżjoni li jsiru fl-ambitu tal-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni tippreżenta rapport quddiem il-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, akkompanjat, fejn xieraq, minn proposti leġiżlattivi.*

6. **Proposta għal anness għad-Direttiva**

6.1 L-għanijiet tal-anness għad-Direttiva huma:

— li jiddefinixxi l-obbligi għall-operaturi nukleari li ma jistgħux jiġu imposti mid-Direttiva peress li hija torbot biss l-Istati Membri;

— li jiddefinixxi, fuq il-bażi tal-għaxar prinċipji fundamentali tal-IAEA, dak li d-Direttiva għandha l-ħsieb li tagħmel obbligatorju għall-Istati Membri.

6.2 L-anness fih sitt prinċipji:

6.2.1 L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari tinġarr mill-pussessur tal-liċenzja.

6.2.2 Ir-responsabbiltà u l-ġestjoni tas-sikurezza jridu jiġu stabbiliti fl-ogħla livelli tal-intrapriża.

6.2.3 **Il-valutazzjoni tas-sikurezza** trid issir mill-bidu tal-kostruzzjoni ta' installazzjoni nukleari u tul il-ħajja kollha tagħha.

6.2.4 L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-installazzjonijiet nukleari jittejbu biex jiżguraw l-ogħla livell ta' sikurezza li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli.

6.2.5 L-Istati Membri kollha jridu jiżguraw li jsiru l-isforzi kollha meħtieġa biex **jiġu evitati u mnaqqsa** l-inċidenti nukleari.

6.2.6 L-Istati Membri kollha jridu jiżguraw li jsiru l-arranġamenti għat-tħejjija u r-reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza minħabba inċidenti nukleari, f'konformità mad-Direttiva 96/29/Euratom.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2009.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

*ANNESS*

għall-opinjoni TEN/377 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill (Euratom) li twaqqaf qafas Komunitarju dwar is-sikurezza nukleari

COM(2008) 790 finali – 2008/0231 (CNS)

**ANNESS GĦAD-DIRETTIVA** ([1])

**SAFETY OBJECTIVE**

**The fundamental safety objective is to protect the workers and the general public from harmful effects of ionizing radiation, which may be caused by the nuclear installations**

To ensure the protection of the workers and the general public, the nuclear installations shall be operated so as to achieve the highest standards of safety that can reasonably be achieved taking into account economical and social factors.

Besides the protection of people laid down in the Euratom Basic Standards (Directive 96/29), measures shall be taken

— to restrict the likelihood of events that might lead to a loss of control over a nuclear reactor core, nuclear chain reaction, radioactive source and

— to mitigate the consequences of such events if they were to occur.

The fundamental safety objective shall be taken into account for all nuclear installations and for all stages over the lifetime of the nuclear installation.

**SAFETY PRINCIPLES**

**1. Principle 1: Responsibility for safety**

**Each Member State shall ensure that the prime responsibility for the safety of a nuclear installation rests with the holder of the relevant licence and shall take the appropriate steps to ensure that each such licence holder meets its responsibility.**

Each Member State shall ensure that the licensee has implemented provisions for:

— Establishing and maintaining the necessary competences;

— Providing adequate training and information;

— Establishing procedures and arrangements to maintain safety under all conditions;

— Verifying appropriate design and the adequate quality of nuclear installations;

— Ensuring the safe control of all radioactive material that is used, produced or stored;

— Ensuring the safe control of all radioactive waste that is generated.

to fulfil the responsibility for the safety of a nuclear installation.

These responsibilities shall be fulfilled in accordance with applicable safety objectives and requirements as established or approved by the regulator body, and their fulfilment shall be ensured through the implementation of a management system.

**2. Principle 2: Leadership and management for safety**

**Effective leadership and management for safety must be established and sustained in all organizations concerned with nuclear safety.**

2.1 Leadership in safety matters shall be demonstrated at the highest levels in an organization. An effective management system shall be implemented and maintained, which has to integrate all elements of management so that requirements for safety are established and applied coherently with other requirements, including those for human performance, quality and security, and so that safety is not compromised by other requirements or demands.

The management system also shall ensure the promotion of a safety culture, the regular assessment of safety performance and the application of lessons learned from experience.

([1]) Dan it-test jinkorpora fih parti mid-dokument tas-Sottogrupp dwar l-Armonizzazzjoni tal-Forum Ewropew dwar l-Enerġija Nukleari dwar il-Proposta għal Direttiva Ewropea dwar is-Sikurezza Nukleari.

2.2 A safety culture that governs the attitudes and behaviour in relation to safety of all organizations and individuals concerned shall be integrated in the management system. Safety culture includes:

— Individual and collective commitment to safety on the part of the leadership, the management and personnel at all levels;

— Accountability of organizations and of individuals at all levels for safety;

— Measures to encourage a questioning and learning attitude and to discourage complacency with regard to safety.

2.3 The management system shall recognize the entire range of interactions of individuals at all levels with technology and with organizations. To prevent safety significant human and organizational failures, human factors shall be taken into account and good performance and good practices shall be supported.

### 3. Principle 3: Assessment of Safety

**Comprehensive and systematic safety assessments shall be carried out before the construction and commissioning of a nuclear installation and throughout its lifetime. A graded approach shall be used taking in account the magnitude of the potential risks arising from the nuclear installation.**

3.1 The regulatory body shall require an assessment on nuclear safety for all nuclear installations, consistent with a graded approach. This safety assessment shall involve the systematic analysis of normal operation and its effects, of the ways in which failures might occur and of the consequences of such failures. The safety assessments shall cover the safety measures necessary to control the hazard, and the design and engineered safety features shall be assessed to demonstrate that they fulfil the safety functions required of them. Where control measures or operator actions are called on to maintain safety, an initial safety assessment shall be carried out to demonstrate that the arrangements made are robust and that they can be relied on. An authorization for a nuclear installation shall only be granted by a member state once it has been demonstrated to the satisfaction of the regulatory body that the safety measures proposed by the licensee are adequate.

3.2 The required safety assessment shall be repeated in whole or in part as necessary later in the conduct of operations in order to take into account changed circumstances (such as the application of new standards or scientific and technological developments), the feedback of operating experience, modifications and the effects of ageing. For operations that continue over long periods of time, assessments shall be reviewed and repeated as necessary. Continuation of such operations shall be subject to these reassessments demonstrating that the safety measures remain adequate.

3.3 Within the required safety assessment precursors to accidents (an initiating event that could lead to accident conditions) shall be identified and analysed, and measures shall be taken to prevent the occurrence of accidents.

3.4 To further enhance safety, processes shall be put in place for the feedback and analysis of operating experience in own and other facilities, including initiating events, accident precursors, near misses, accidents and unauthorized acts, so that lessons may be learned, shared and acted upon.

### 4. Principle 4: Optimization of safety

**Member States shall ensure that nuclear installations are optimized to provide the highest level of safety that can reasonably practicable be achieved without unduly limiting their operation.**

4.1 The optimization of safety shall require judgements to be made about the relative significance of various factors, including:

— The likelihood of the occurrence of foreseeable events and the resulting consequences;

— The magnitude and distribution of radiation doses received;

— Economic, social and environmental factors arising from the radiation risks.

— The optimization of safety also means using good practices and common sense as far as is practical in day to day activities.

### 5. Principle 5: Prevention and mitigation

**Member States shall ensure that all practical efforts are made to prevent and mitigate nuclear incidents and accidents in its nuclear installations.**

5.1 Each Member State shall ensure, that the licensees engages all practical efforts

— to prevent the occurrence of abnormal conditions or incidents that could lead to a loss of control;

— to prevent the escalation of any such abnormal conditions or incidents that do occur; and

— to mitigate any harmful consequences of an accident,

by implementing 'defence in depth'.

5.2 The application of the defence in depth concept shall ensure that no single technical, human or organizational failure could lead to harmful effects, and that the combinations of failures that could give rise to significant harmful effects are of very low probability.

5.3 Defence in depth shall be implemented through the combination of a number of consecutive and independent levels of protection that would all have to fail before harmful effects could be caused to workers or the general public. The levels of defence in depth shall include:

(a) an adequate site selection

(b) an adequate design of the nuclear installation, consisting of

- — High quality of design and construction
- — High reliability of components and equipment
- — Control, limiting and protection systems and surveillance features
- — appropriate combination of engineered safety features

(c) an adequate organisation with

- — An effective management system with a strong management commitment to safety culture
- — Comprehensive operational procedures and practices
- — Comprehensive accident management procedures
- — Emergency preparedness arrangements

**6 Principle 6: Emergency preparedness and response**

**Members States shall ensure that arrangements are made for emergency preparedness and response for nuclear installations accidents according to Directive 96/29**